# Eżami għad-Dħul
# fl-Ewwel Sena tal - *Junior Lyceum*

# 2007

# MALTI

***Ikteb pulit u bla żbalji. Dan jgħodd ukoll meta tikkopja minn naħa għal oħra.***

**A. Aqra din is-silta. Wara wieġeb il-mistoqsijiet b'sentenzi SĦAĦ.** (***12-il marka***)

**ĠORĠ TA' POLLY U L-VASKA TAS-SINJURA EDWINA**



Fit-tarf tar-raħal, wara dik il-villa l-qadima, hemm vaska ta' l-għaġeb mgħottija b'balluta xiħa. Ngħidilkom minn issa, qabel ikun tard wisq, li din il-vaska hija tas-Sinjura Edwina. *(par. 1)*

U għal min ma jafx, is-Sinjura Edwina ma trid lil ħadd li jmur jistad fil-vaska tagħha. "Nippreferi li neqred din il-vaska milli nħalli lit-tfal żgħar jistadu fiha," tgħid is-Sinjura Edwina. *(par. 2)*

Waqtiet tgħid ukoll: "It-tfal iż-żgħar jagħmlu wisq ħsejjes. Huma jbeżżgħu lill-ħut. Huma jħammġu l-ilma. Le ... qatt ma jkun li nħallihom jistadu fil-vaska tiegħi." *(par. 3)*

U kien sewwa sew minħabba f'hekk li ħadd ma kien jissogra li jmur jistad f'din il-vaska. Dan kien sakemm Ġorġ ta' Polly fettillu jikser ir-regola. "Jiena sejjer nistad hemm," qal, "taħt il-balluta, fejn hemm ħut ta' l-għaġeb ta' l-għeġubijiet." *(par. 4)*

"Illum jew għada jiena se mmur nistad fl-ilma ħadrani tal-vaska tas-Sinjura Edwina. Din hija l-ambizzjoni ewlenija ta' ħajti." *(par. 5)*

Kulħadd qallu, "Tħallix il-bluha ta' mument tirbħek. Is-Sinjura Edwina tara kbir u ma tikkuntentax bi ħwejjeġ żgħar." *(par. 6)*

Imma Ġorġ ta' Polly ma kien jibża' minn ħadd u minn xejn. *(par. 7)*

Għalhekk, għodwa waħda ta' rwiefen bla rażan, Ġorġ ta' Polly ħafif daqs berqa mar bil-qasba u l-għalf b'kollox ħdejn il-balluta u l-vaska tas-sinjura Edwina. Ħafif daqs għasfur ħareġ il-qasba u, wara li lesta l-lixka, qagħad jistenna l-ħut tiela'. *(par. 8)*

F'salt wieħed Ġorġ ħass bħal xi ħaġa tiġbed. Huwa qabad il-qasba tajjeb bejn idejh u hemm quddiemu, tielgħa 'l fuq mill-ilma, kien hemm l-akbar ħuta li qatt raw għajnejh. *(par. 9)*

Ġibed għal aktar minn għaxar minuti. Imbagħad quddiemu, hekk f'salt wieħed, ra l-akbar kelb il-baħar li qatt raw għajnejh u mhux aktar il-ħuta. *(par. 10)*

Kif ra hekk, kien pront daħħal iż-żarbun sew fil-ħamrija u kompla jiġbed b'kemm kellu saħħa. Ħadd ma seta' jgħid li Ġorġ ta' Polly ma kienx kuraġġuż. L-ilma sar aħmar bid-demm ta' kelb il-baħar b'ħalqu miftuħ beraħ, kbir daqs Għar Dalam. *(par. 11)*

Imbagħad, għal darb'oħra, f'tebqa t'għajn, il-kelb il-baħar għeb mix-xena u minfloku dehret l-akbar balena li qatt raw għajnejh – balena kbira daqs muntanja li kellha n-nifs tagħha qisu dak ta' riefnu. Il-balena kienet tidher li kellha ġuħ ta' nagħma. *(par. 12)*

Ġorġ ta' Polly sar aħdar ħaxix imma kien tard wisq. Il-balena saret dragun u ħarġet 'il barra mill-vaska sakemm qabdet lil Ġorġ ta' Polly u miskin Ġorġ ta' Polly spiċċa ... spiċċa billi qabad ħuta ħamra ta' l-ilma ħelu, żgħira daqs is-subgħa ż-żgħir ta' tarbija tat-twelid. *(par. 13)*

Imwerwer kif kien, Ġorġ ta' Polly telaq jiġri 'l bogħod mill-vaska tas-sinjura Edwina, jiftaħar ma' kulħadd li mill-vaska tas-sinjura Edwina kien qabad ħuta ħamra ta' l-ilma ħelu, li ġo fiha kien hemm dragun, li ġo dan id-dragun kien hemm balena, li ġo din il-balena kien hemm kelb il-baħar, li ġo dan il-kelb il-baħar kien hemm ħuta kbira daqs id-dinja. *(par. 14)*

1. Fejn kienet tinsab il-vaska ta' l-għaġeb mgħottija b'balluta xiħa?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(marka)*

2. Agħti raġuni waħda li minħabba fiha s-Sinjura Edwina ma kinitx tħalli lit-tfal żgħar jistadu fil-vaska tagħha.

_______________________________________________

_______________________________________________ *(marka)*

3. Kif kien jaħseb li kien il-ħut fil-vaska tas-Sinjura Edwina, Ġorġ ta' Polly?

_______________________________________________ *(marka)*

4. X'qalulu n-nies biex jippruvaw jikkonvinċuh biex ma jmurx jistad fil-vaska tas-Sinjura Edwina?

_______________________________________________ *(marka)*

5. Kif kienet l-għodwa li fiha Ġorġ ta' Polly mar biex jistad mill-vaska tas-Sinjura Edwina?

_______________________________________________ *(marka)*

6. X'kienet l-ewwel ħaġa li qabad Ġorġ ta' Polly mill-vaska tas-Sinjura Edwina?

_______________________________________________ *(marka)*

7. X’kienet l-akbar ħaġa li qabad Ġorġ ta’ Polly mill-vaska tas-Sinjura Edwina?

____________________________________________________________

_____________________________________________________ *(marka)*

8. Din l-istorja hija:

immaġinattiva ☐ realistika ☐ storika ☐ *(marka)*

9. Minn din l-istorja Ġorġ ta’ Polly joħroġ bħala tifel:

qaddis ☐ faħħari ☐ ubbidjenti ☐ *(marka)*

10. Ikkopja sentenza waħda **sħiħa** li hija Diskors Dirett.

____________________________________________________________

_____________________________________________________ *(marka)*

11. Mis-sitt paragrafu sib Nom li għandu Aġġettiv miegħu fil-Plural.

_____________________________________________________ *(marka)*

12. L-istorja ta’ Ġorġ ta’ Polly **<u>m’hijiex</u>**:

Fantastika ☐ Immaġinattiva ☐
Xjentifika ☐ Mistħajla ☐ *(marka)*

**B. Mill-istorja li għadek kif qrajt sib dan li ġej:** ***(6 marki)***

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Kelma li tfisser *jipprova b’ċans li jfalli* (par. 4) | |
| 2. | Espressjoni li tagħti sens ta’ *xi darba jew oħra* (par. 5) | |
| 3. | Kelma oħra għal *ġenn* (par. 6) | |
| 4. | Kelma oħra għal *qalbieni* (par. 11) | |
| 5. | Idjoma li tfisser *ġuħ kbir* (par. 12) | |
| 6. | Idjoma li tfisser *aħdar ħafna* (par. 13) | |

**Ċ. Uża <u>KELMA WAĦDA</u> għall-kliem li hemm fil-ġenb.** ***(4 marki)***

# IL-BIDWI TA' QALB KBIRA



| | | |
|---|---|---|
| 1. | Darba waħda kien hemm bidwi li qabad għasfur li kellu wieħed minn ġwenħajh miksur. Huwa għamel minn kollox biex ______________________, tant li fi ftit taż-żmien il-ġewnaħ ġie f'tiegħu. | *jirranġalu l-ġewnaħ tiegħu* |
| 2. | L-għasfur, minkejja kollox, kellu jerġa' jmur lura lejn ______________________ l-għasafar li min jaf kemm bdew jitħassbu bid-dewmien tiegħu. | *l-aħwa tiegħu* |
| 3. | Il-bidwi, min-naħa tiegħu, ma seta' jinsa qatt lil dak l-għasfur u qatagħha li jmur ifittxu. Mexa fuq li mexa, sakemm għodwa waħda għasfur niżel dritt għal fuq ______________________. Kien l-għasfur li kien għen. | *l-ispallejn tiegħu* |
| 4. | Meta l-għasafar sħabu raw li kien dak il-bidwi ta' qalb tajba, iddeċidew li jagħtuh rigal. Dan kien jikkonsisti mill-għanja tagħhom, għanja li kif wieħed ______________________ jħossu fis-seba' sema. | *jisma' lilha* |

**D. Imla l-vojt skond kif mitlub fil-parentesi.** *(L-ewwel wieħed huwa eżempju.)* ***(5 marki)***

**IS-SIGARETTI U L-MARD**

1. Is-<u>sigaretti</u> *(plural ta' sigarett)* fihom in-nikotina, it-tartru u l-*carbon monoxide*.
2. In-nikotina tieħu _____________ *(in-numru* **7***)* sekondi biex tasal sal-moħħ.
3. In-nikotina żżid it-taħbit tal-qalb u l-_____________ (*nom minn* **ippressa**) tad-demm.
4. It-tartru tas-sigaretti _____________ *(verb fl-Imperfett minn* **kawża***)* l-kankru fil-gerżuma.
5. Il-*carbon monoxide* _____________ (*verb fl-Imperfett li huwa l-kontra ta'* **jżid***)* l-ammont ta' ossiġnu li jista' jidħol fid-demm.
6. Il-*carbon monoxide* huwa ħażin għan-nies li _____________ *(verb fl-Imperfett minn* **bata**) mill-mard tal-qalb u nisa li jkunu qegħdin jistennew tarbija.

**E. Qiegħed fl-<u>IMPERATTIV PLURAL</u> l-għerq li hemm fin-nofs.** ***(5 marki)***
*(Xi wħud huma lesti.)*



# RIĊETTA GĦALIKOM

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Idilku | **D-L-K** | sew. |
| 2. | | **K-S-J** | bil-karti. |
| 3. | | **POĠĠA** | l-frott niexef f'borma. |
| 4. | | **K-S-Ħ** | t-taħlita sew. |
| 5. | | **Ż-J-D** | l-frott. |
| 6. | Ħawdu | **Ħ-W-D** | tajjeb. |
| 7. | | **LIXX** | sew. |
| 8. | Aħmu | **Ħ-M-J** | fil-forn. |

**F. Aqra l-kitba t'hawn taħt u wieġeb il-mistoqsija ta' wara:** ***(5 marki)***

# IL-KATINA TA' L-IKEL



1. Meta x-xemx tiddi tipproduċi l-enerġija.
2. Din tintuża u tinħażen mill-pjanti.
3. Dan huwa l-bidu tal-katina ta' l-ikel.
4. L-annimali jieklu l-pjanti u jmeċilqu l-weraq.
5. B'dan il-mod tiġi ffurmata t-tieni parti tal-katina.

**Ma' liema kliem mit-test huma marbuta l-kliem fl-ewwel kolonna?**
*(L-ewwel wieħed huwa eżempju.)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | ***produzzjoni*** | → | ***tipproduċi*** |
| 2 | użu | → | |
| 3 | formazzjoni | → | |
| 4 | ħażna | → | |
| 5 | ktajjen | → | |
| 6 | dija | → | |

**Ġ. Kompli dawn is-sentenzi billi żżomm l-istess tifsira.** ***(8 marki)***

| | | |
|---|---|---|
| **1a** | **“Iftaħ il-ktieb,” qalet Marija lil Karmenu.** |  |
| 1b | Marija qalet lil Karmenu biex ______________ il-ktieb. | |
| **2a** | **Il-magna tal-ħasil xtrajtha sena ilu. Xahar ilu ġratilha l-ħsara.** |  |
| 2b | Il-magna tal-ħasil li ______________ sena ilu ġratilha l-ħsara x-xahar li għadda. | |
| **3a** | **Il-borma waqgħet fuq saqajn it-tifel.** |  |
| 3b | It-tifel waqqa’ l-borma fuq ______________. | |
| **4a** | **Salvinu qal li l-ikel tal-bieraħ ma għoġbux.** |  |
| 4b | “L-ikel tal-bieraħ ma ______________,” qal Salvinu. | |
| **5a** | **Il-karozza ta’ l-isptar għaddiet tiġri. Kienu korrew xi nies waqt logħba futbol.** |  |
| 5b | Il-karozza ta’ l-isptar għaddiet tiġri _________ kienu korrew xi nies waqt logħba futbol. | |
| **6a** | **“Tixorbux luminati kollha zokkor,” qalet Celine lil uliedha.** |  |
| 6b | Celine qalet lil uliedha biex ma ______________ luminati kollha zokkor. | |
| **7a** | **Philip ċempel lil ħuh. Huwa kellu bżonn ikellmu.** |  |
| 7b | Philip ċempel lil ħuh minħabba _____________ kellu bżonn ikellmu. | |
| **8a** | **Marija tintiżen kuljum. It-tabib qallha li kellha bżonn tagħmel id-dieta.** |  |
| 8b | Minħabba li t-tabib kien qal _____________ Marija li kellha bżonn tagħmel id-dieta, hija qiegħda tintiżen kuljum. | |

**G. Aqra dan ir-riklam u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.** ***(5 marki)***

SERATA TA' DIVERTIMENT U KULTURA FIL-VILLAĠĠ TURISTIKU

***MALTA-GLOBE***

Organizzata minn *TOURISTOTIC*

B'risq *ĦAL MULA FOUNDATION*

Qatta' lejla mill-isbaħ fl-ambjent uniku ta' *MALTA-GLOBE* u tkun qiegħed / qiegħda tgħin lil *ĦAL MULA FOUNDATION* li tieħu ħsieb adolexxenti li jixtiequ jsiru astronawti

**L-Erbgħa, 28 ta' Settembru**

**fis-7.30 ta' fil-għaxija**

Ikun hemm kant, żfin folkloristiku, daqq mill-Banda Bumm Bumm ta' Ħal Ġenn, għana u logħob għat-tfal.

Ikun hemm ukoll varjetà ta' ikel u xorb tradizzjonali ta' Ħal Mula, kif ukoll lotterija bi tliet premjijiet favolużi.

Il-prezz huwa ta' Lm5 kull persuna, li jinkludi fih ikla ta' ħames platti, bix-xorb inkluż. Tfal taħt it-12-il sena jidħlu b'xejn.



| Immarka (✓) IVA jew LE. *(L-ewwel wieħed huwa eżempju.)* | | | |
|---|---|---|---|
| | | **IVA** | **LE** |
| | | | |
| 1. | Is-serata se ssir fil-villaġġ turistiku *Malta-Globe.* | ✓ | |
| 2. | Is-serata se ssir biex tgħin tfal minn disa' snin 'l isfel. | | |
| 3. | Fis-serata se jkun hemm żfin kif kien jinżifen fl-imgħoddi. | | |
| 4. | Kull min jattendi jrid iħallas Lm5. | | |
| 5. | Ħal Ġenn u Ħal Mula huma rħula. | | |
| 6. | F'din is-serata mhux se jkun hemm premjijiet li ssib bħalhom biss fil-ħrejjef. | | |

**GĦ. Imla l-vojt skond il-parentesi.** ***(10 marki)***

**TIBEN, GĦODDA U TRAKK JINĦAKMU MINN NIRIEN**



Il-pulizija mill-għassa ta' Ħal Lewż qiegħda tinvestiga każ ta' ____________ (*il-plural ta'* **nar**) li ħakmu balal tat-tiben u li nfirxu f'____________ (*nom minn* **ħażen**) fi Triq il-Friefet li tinsab bejn it-Telgħa ta' Xewka u l-Knisja ta' Ħal Beraq.

In-nirien bdew għall-____________ (*nom mill-għerq* **ħ-b-t**) ta' l-erbgħa ta' fil-għodu qalb tiben li kien hemm fir-razzett ta' bidwi ta' 50 sena. Jidher li n-nirien infirxu lejn maħżen fejn travu ta' l-injam ċeda u ____________ (*verb minn* **kawża**) toqba fil-maħżen. In-nirien tferrxu wkoll fil-maħżen fejn xi għodda u tajer ta' mutur tal-ħart ____________ *(verb minn* **ġ-r-b***)* ħsarat kbar.

Trakk li kien hemm ___________ (*verb minn* **park**) quddiem il-maħżen ukoll ġarrab xi ħsarat meta nħakem min-nugrufun. Membri tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili marru fuq il-post u ___________ (*verb minn* **kontroll**) in-nirien qabel ___________ *(verb minn* **kompla***)* jitferrxu.

Il-pulizija ta' l-għassa ta' Ħal Lewż, immexxija mill-Ispettur ta' l-Għassa, qegħdin ___________ (*verb minn* **investiga**) il-każ, filwaqt li twaqqfet inkjesta biex ikun magħruf x'___________ (*verb mill-għerq* **w-s-l**) għal dan l-inċident.

**H. X'vantaġġi jkollha persuna li tkun żgħira fl-età?**
**Ikteb ĦAMES vantaġġi f'forma ta' punti.** ***(10 marki)***

| | |
|---|---|
| **1.** | |
| **2.** | |
| **3.** | |
| **4.** | |
| **5.** | |

**Ħ. Aqra din l-ittra u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.** ***(5 marki)***

6, Triq il-Kbira
Ħal Laħlaħ LĦL 14

16 ta' Jannar 2007

Is-Sinjura Graziella Ghigo,
Il-ġurnal *'L-Opinjoni'*,
Triq il-Mewġ,
Ħal Fewweġ FWĠ 13

Sinjura Editriċi,

| | |
|---|---|
| Introduzzjoni | Qiegħda nikteb din l-ittra bil-għan li pajjiżna nżommuh aktar sabiħ u nadif milli hu, kif wara kollox jixraqlu. *(par. 1)* |
| Il-Kontenut Ewlieni | Sfortunatament għadek issib xi nies li għadhom ipejpu fir-restoranti u l-ħwienet. Barra minn hekk għad hawn karozzi li jdaħħnu ħafna. *(par. 2)*<br><br>Fis-sajf għadek issib xi *speed-boats* li jkunu wisq qrib il-kosta. Issib ukoll min jipparkja l-karozza fuq il-bankini. *(par. 3)*<br><br>Hawn min iżomm nadif ġewwa u jħammeġ barra. Qiegħda ngħid b'mod speċjali għal xi nies li jrabbu l-klieb. *(par. 4)* |
| Konklużjoni | Jekk kulħadd jagħmel sforz biex dawn l-affarijiet jirranġaw, ikollna pajjiż sabiħ u nadif għall-ġid ta' kulħadd. *(par. 5)* |

Dejjem tiegħek,

*Celine Camilleri*

**Niżżel in-numru tal-paragrafu li fih jingħata t-tagħrif t'hawn taħt.**
*(L-ewwel wieħed huwa eżempju.)*

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Il-ħtieġa li mill-kliem wieħed jgħaddi għall-fatti. | paragrafu 5 |
| 2. | Abbuż mir-regolamenti tas-sewqan fil-baħar. | |
| 3. | Indafa fid-djar u ħmieġ fit-toroq. | |
| 4. | L-għan li għalih qiegħda tinkiteb l-ittra. | |
| 5. | Suġġeriment dwar x'għandu jsir biex jitnaqqas l-abbuż. | |
| 6. | Ħafna duħħan fl-arja. | |

**I. Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti.** *Titlef il-marki jekk tikteb sentenzi kif ġie ġie u bl-iżbalji ta' l-ortografija u tal-punteġġjatura. Ara li jkollok paragrafi f'posthom. Ikteb pulit u kun immaġinattiv/a. (Jekk trid tista' tagħmel użu mill-punti li hemm taħt kull suġġett.)* ***(25 marka)***

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | **L-indafa f'ħajjitna**<br>*(Hawnhekk tista' tikteb dwar l-importanza ta' l-indafa f'ħajjitna minħabba l-fatt li din tgħinna biex nibqgħu b'saħħitna u ferħanin. Irridu nżommu f'moħħna li l-ħmieġ iwassal għall-mard.)* |  |
| **2.** | **Il-karriera li nixtieq naqbad la nikber**<br>*(Hawnhekk tista' tikteb dwar il-karriera li tixtieq li jkollok la tikber, xi tħejjija trid tagħmel għaliha u għalfejn tixtieq li jkollok din it-tip ta' karriera.)* |  |
| **3.** | **Darba waħda kien hemm tajra . . .**<br>*(Hawnhekk tista' tiddeskrivi kif darba waħda kien hemm tifel li kellu tajra u din it-tajra ħarbitlu minn idejh u marret vjaġġ ma' l-irħula kollha ta' Malta. Tista', ngħidu aħna, tirrakkonta x'rat minn hemm fuq.)* |  |
| **4.** | **F'xatt il-baħar**<br>*(Hawnhekk tista' tirrakkonta ġurnata f'xatt il-baħar b'dak kollu li tara u tagħmel.)* |  |
| **5.** | **Għand it-tabib**<br>*(Hawnhekk tista' tirrakkonta dwar dak li tgħaddi minnu meta tmur għand it-tabib, il-ħin li tgħaddi tistenna, kif tħossok, kif jinvistak it-tabib eċċ.)* |  |

*Tmien il-Karta*